# Il-Madonna taż-Żejt

Segwi l-filmat tal-leġġenda mill-paġna **malti.skola.edu.mt/il-medja/wiehedsek/lingwa/is-smigh-1-sek/**

## A. Vokabolarju - *Qabbel il-kliem fil-kolonna tal-lemin mat-tifsir tiegħu fil-kolonna tax-xellug.*

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1 | saram | | wesgħa art, beraħ |
| 2 | għorfa | | tibki b'vuċi għolja |
| 3 | barr | **1** | inkwiet |
| 4 | l-għaxqa | | għannqitu |
| 5 | ħaddnitu | | twissija, ċanfir |
| 6 | tolfoq u tixher | | ġuħ, faqar |
| 7 | mnara | | ġibda esaġerata |
| 8 | għaks | | gost u seħer |
| 9 | twiddib | | kamra f'razzett |
| 10 | regħba | | lampa żgħira tal-fuħħar jew apparat biex tpoġġi l-musbieħ ġo fih. |




## B. Il-Leġġenda - *Ikteb in-numru tal-kelma/frażi fil-kaxxa biex is-sentenza tagħmel sens.*

| | | |
|---|---|---|
| **1. mistħajla,** | **2. Birbuba,** | **3. storja tradizzjonali,** |
| **4. ħadet in-nar,** | **5. nixxiegħa ta' żejt,** | **6. l-mediċina tal-antik,** |
| **7. t-twemmin u d-devozzjoni,** | **8. messaġġ jew tagħlima,** | **9. ħadd ma jgawdi** |

Il-leġġenda hija ☐ li nibtet minn irrakkuntar bil-fomm u tintiret minn ġenerazzjoni għal oħra.

Ħafna leġġendi jkunu mibnijin fuq fatt storiku, xi post li jeżisti tassew, xi tradizzjoni famuża jew dwar xi element kulturali. Ir-rakkont iżda jiżżejjen b'ħafna fantasija biex hekk l-istorja tkun tappella aktar għall-udjenza li tismagħha. Ħafna minn dawn il-leġġendi jridu jwasslu ☐ jew apprezzament ta' valuri li fuqhom hija mibnija l-ħajja tal-Maltin.

Jekk inħarsu mill-qrib lejn din il-leġġenda faċilment nistgħu nifirdu l-elementi storiċi u minn dawk ☐. Fost l-elementi storiċi wieħed jista' jsemmi l-fatt li ☐ ma kinitx effettiva bħal tal-lum u għalhekk kien ikun hawn ħafna tfal li jdumu morda. Fatt ieħor huwa l-post fejn isseħħ il-leġġenda - ☐ tassew jeżisti u jinsab fil-lokalità tal-Għarb. It-tielet fatt li fuqu tibni l-ġrajja huwa ☐ tal-Maltin fil-Madonna.

Mill-banda l-oħra nsibu l-parti mistħajla/fittizja tal-leġġenda. Ir-rakkont jgħidilna li l-Madonna qalet lill-mara fil-ħolm biex tħaffer b'idha fil-ħamrija għaż-żejt. Hija hekk għamlet u fil-post żviluppat ☐ li ntużat mhux biss minn din il-mara twajba imma minn bosta Għawdxin oħra sakemm fl-aħħar ☐.

It-tagħlima prinċipali mil-leġġenda hija ċara. Meta n-nies ikunu egoisti ☐ u l-ġid jispiċċa jintilef fix-xejn.

## Ċ. Immarka t-tweġiba t-tajba.

1. L-istorja sseħħ fir-raħal ta'
   - Bir id-Deheb. ☐
   - Birżebbuġa. ☐
   - Birbuba. ☐

2. Il-karattru ewlieni ta' din il-leġġenda huwa
   - tfajla gustuża. ☐
   - omm fqajra. ☐
   - tfajjel bieżel. ☐

3. Il-leġġenda tirrakkontalna kif familja minn dan ir-raħal, bħal bosta familji oħra, kienet taqla' x'tiekol
   - mix-xogħol bir-raba'. ☐
   - mill-ħjata. ☐
   - mill-bejgħ tal-ħobż. ☐

4. F'din il-familja kien hemm tifel
   - arroganti u ma jobdix. ☐
   - dejjem marid. ☐
   - li ma kienx jiekol. ☐

5. Meta t-tifel kien donnu fieq, l-omm baqgħet beżgħana li
   - ma jkollhomx flus biex jixtrulu l-mediċini. ☐
   - jattakkawhom il-furbani. ☐
   - binha jerġa' jimrad minnufih. ☐

6. Meta darba waħda omm it-tfajjel rat li binha ma stenbaħx, wiegħdet lill-Madonna li jekk tfejjaqhulha
   - tixgħelilha kuljum imnara żejt. ☐
   - tixtri pittura ġdida għall-knisja tar-raħal. ☐
   - tħit sett purtieri għall-kappella ta' ħdejn in-niċċa. ☐

7. Wara sena mill-fejqan ta' binha, l-omm ma setgħetx tkompli tixgħel l-imnara għaliex
   - tant kienu fqar li ma kellhiex flus biex tixtri ż-żejt. ☐
   - is-siġar taż-żebbuġ mardu kollha. ☐
   - iż-żejt skarsa konsegwenza tan-nixfa li laqtet lil Għawdex. ☐

8. Waqt li l-omm kienet rieqda, il-Madonna nebbħitha minn fejn kellha ġġib
   - iż-żejt għall-imnara. ☐
   - il-mediċini għall-binha. ☐
   - l-ikel għall-familja. ☐

9. Is-sigriet tal-omm malajr inkixef mal-erbat irjieħ u peress li f'dawk l-inħawi kien hemm ħafna għaks bosta kienu dawk li bdew
   - jisirqu l-ħatab li kien hemm qrib in-niċċa. ☐
   - imorru ħdejn in-nixxiegħa jimlew iż-żejt. ☐
   - jitolbu lill-omm tagħtihom ftit żejt minn tagħha. ☐

10. Biex ipattu għar-regħba tagħhom, in-nies bnew kappella ħdejn in-niċċa u quddiem ix-xbieha tal-Madonna baqgħu
    - jżommu tixgħel l-imnara. ☐
    - jġibu l-fjuri u l-ward. ☐
    - jixegħlu l-inċens. ☐

## D. Id-Dris

Segwi l-filmat **Il-Ħsad, id-Dris u t-Tħin** minn **http://malti.skola.edu.mt/wp-content/upload/.....**

***Innota l-użu u t-tifsira tal-kliem t'hawn taħt f'din id-deskrizzjoni, biex tifhem aħjar kif użat fil-leġġenda.***

***Wara uża dan il-kliem biex timla l-vojt fis-silta li jmiss.***

**andar, dris, midra, iderri, karfa**

F'Ġunju, wara l-ħsad il-bdiewa kienu jsib biċċa art biex fuqha jifirxu l-qiegħa jew l-______________. Kienu jimmarkaw ċirku fil-ħamrija billi jigirfu b'biċċa injama. Imbagħad kulħadd kien imidd idu biex ibattam il-ħamrija jiġifieri jwebbsilha l-wiċċ. Wara kienu jxarrbu



*Il-bdiewa jidirsu u jderru*

l-ħamrija u jifirxu fuqha tiben u ħaxix niexef u jgħaddu minn fuqha b'ġebla kbira qisha romblu sakemm din il-parti tal-għalqa tiġi lixxa u iebsa qisha triq.



*Il-luħ*



*Il-midra*

Wara kienu jġibu l-qatet tal-qamħ, iħolluhom u jifirxuhom fil-qiegħa. Hawn kien jibda l-proċess tad-__________________. Kienu jġibu l-bhejjem biex jidirsu l-qatet tal-qamħ u hekk ikissru s-sbula u jifirdu l-qamħa mill-qasbija. It-tiben kien jinġabar u jintrabat f'qatet biex jingħata bħala għalf lill-bhejjem.

Biex isaffi l-qamħ mill-________________, il-bidwi kien ____________________ jiġifieri jtajjar fir-riħ bil-________________, il-qasbija imfarrka li titkaxkar għal barra l-qiegħa waqt li l-qamħ jibqa' ġewwa biex wara li jingħarbel, jinġabar fl-ixkejjer bil-luħ.

## E. Tiftix fir-raħal jew belt fejn toqgħod.

Marbuta ma' niċeċ u kappelli fl-irħula u l-bliet tagħna, insibu bosta tradizzjonijiet u leġġendi tradizzjonali.

i. Agħżel niċċa jew kappella mir-raħal jew belt fejn tgħix u ikteb il-leġġenda, xi tradizzjoni jew għajdut marbut magħha.

ii. Mal-kitba tiegħek żid xi ritratt jew stampa tal-kappella jew in-niċċa li għażilt.